*ART. 258 KAP 12. EZEKUZZJONI SENTENZA WARA HAMES (5) SNIN .*

- *TITOLU EZEKUTTIV – ART. 253 U 256 (2) TAL-KAP 12 –*
- *KOMPUTAZZJONI TAL-HLAS – ART. 1169 TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 1**
**Rikors Numru: 2694/99/RCP**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**John Dalli u D & B Catering Company Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici datat 14 ta' Dicembru 1999 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi in forza ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion tas-26 ta' Novembru 1987 (Dok. "A") l-intimati solidalment bejniethom kkostitwew ruhhom bhala debituri tas-socjeta' Mid Med Bank Limited (illum HSBC Bank plc) ghas-somma certa, likwida u dovuta ta' erba' u erbghin elf, hames mija u tlettax-il lira u tlieta u disghin centezmi u tlett millezmi (Lm44,513.93,3) bl-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena mill-21 ta' Settembru 1987.

Illi sussegwentement dan il-kuntratt gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 1992 debitament notifikata. (Dok. "B").

Illi sussegwentement ghal din l-ittra l-intimati bdew jaghmlu hlasijiet akkont tad-debitu minnhom assunt, u ghalhekk is-socjeta' rikorrenti qaghdet lura milli tiehu passi ezekuttivi ulterjuri.

Illi minn dak iz-zmien il-hlasijiet in kwistjoni waqfu u ghalhekk is-socjeta' rikorrenti sejra tghaddi biex tiehu passi ezekuttivi skond il-ligi sabiex tigbor il-bilanc dovut lilha li jammonta ghal erbgha u tletin elef, sitt mija u tletin Lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu li huma maqsumin in kwantu tmienja u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm28,271.42) bhala bilanc kapitali, u in kwantu sitt elef tliet mija u disgha hamsin Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm6,359.40)

bhala imghax semplici ikkaklulat a *scaletta* mit-23 ta' Settembru 1991 sat-12 ta' Novembru 1999 (Dok. "C").

Illi *stante* li ghaddew 'il fuq minn hames snin mid-data tal-ittra ufficjali li rrendiet il-kuntratt ezekuttiv, is-socjeta' rikorrenti ghandha bzonn il-permess tal-Qorti biex tipprocedi *in via* ezekuttiva kontra l-intimati, skond **l-Artikolu 258 tal-Kap 12.**

Illi l-premess gie mahluf mir-rapprezentant fuq imsemmi tas-socjeta' rikorrenti, ukoll skond l-istess artikolu.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' rikorrenti talbet li tigi awtorizzata sabiex tipprocedi ezekuttivament kontra l-intimati ghar-ragunijiet premessi, ghas-somma ta' erba' w tletin elf, sitt mija u tletin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm34,630.82) u ghall-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u sebghin Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm28,271.42) mill-14 ta' Novembru 1999 sal-effettiv hlas, bl-ispejjez ta' din il-procedura.

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors promotorju;

Rat ir-risposta tal-intimati a fol 16 tal-process fejn intqal :-

(1) Illi l-ammont dovut m'huwiex kif allegat fir-rikors promotur, u dan billi l-imghax ma giex kalkolat skond il-ligi,

kif ukoll billi gew debitati spejjez lill-intimat li ma jispettawx lilu.

(2) Illi fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti jrid juri ezattament kif wasal ghall-ammont minnu allegat.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Frar 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-intimati sabiex issir korrezzjoni fis-sens li l-kelma "attur" fl-ewwel paragrafu tar-risposta tigi sostwita bil-kelma "intimat" u kwindi ordnat il-korrezzjonijiet rikjesti. Il-Qorti dderigiet lill-intimat sabiex sa seduta ohra jiehu konjizzjoni tad-dokument "C" a fol. 12 tal-process u jaghti l-kummenti tieghu fuq l-istess; tal-24 ta' Marzu 2000; tal-31 ta' Mejju 2000 fejn xehed P.L. Jonathan De Maria. Dr. Galea Debono ddikjara li m'ghandux provi aktar; tat-28 ta' Gunju 2000; tat-12 ta' Lulju 2000; tal-1 ta' Novembru 2000; tas-17 ta' Jannar 2001 fejn Dr. Robert Mangion assuma l-patrocinju tas-socjeta' rikorrenti. Xehed John Dalli. Il-Qorti ordnat lir-rikorrenti biex fi zmien 30 jum tesebixxi permezz ta' nota l-*workings* dettaljati ta' kif ir-rikorrenti wasal ghar-rendikont minnu esebit b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 30 jum biex jaghti l-kummenti tieghu fuq l-istess u dan intalab bla pregudizzju a tenur tal-ligi dwar il-procedura maghmula mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti ddikjaraw illi d-dokument esebit mill-intimat ma jirriflettix il-bilanc attwalment dovut;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici a fol.33 *et seq.* tal-process fejn l-istess socjeta' rikorrenti spjegat kif inhadem il-bilanc

lilha dovut anke *ai termini* tal-**Artikolu 1169 tal-Kap 16,** u li mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern iddekorra imghax ulterjuri ta' Lm5,112 (imghax ta' 8% ghall 823 il-gurnata) li tela' l-imghax dovut ghas-somma ta' Lm9,492.96 sad-data tas-17 ta' Frar 2001;

Rat il-verbal tas-seduti tad-29 ta' Mejju 2001;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici a fol.48 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-3 ta' Lulju 2001; u tal-21 ta' Novembru 2001 fejn Dr.Tortell iddikjara li ma jhossx il-bzonn li jipprezenta nota u tratta dwar l-istess. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghall-provediment finali ghat-28 ta' Frar 2002; u tal-14 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop ghat-18 ta' April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi fir-rikors promotorju, is-socjeta' rikorrenti qed titlob sabiex tigi awtorizzata tipprocedi ezekuttivament kontra l-intimati ghall-ammont imsemmi fl-istess rikors. Illi skond kuntratt datat 26 ta' Novembru 1987 (Dok.A) l-intimati solidalment bejniethom ikkostitwew ruhhom bhala debituri

tas-socjeta' rikorrenti. Dan il-kuntratt gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 1992 debitament notifikata (Dok.B), u sussegwenti ghaliha ghamlu hlasijiet akkont tad-debitu taghhom. Minn dak iz-zmien il-hlasijiet waqfu. *Stante* li ghaddew 'il fuq minn hames snin mid-data tal-ittra ufficjali li rrendiet il-kuntratt ezekuttiv, is-socjeta' rikorrenti ghandha bzonn il-permess tal-Qorti biex tipprocedi *in via* ezekuttiva kontra l-intimati ghall-ammont imsemmi *cioe'* Lm28,271.42 bhala bilanc kapitali, u in kwantu Lm6,359.40 bhala imghax semplici kkalkulat *a scaletta* mit-23 ta' Settembru 1991 sat-12 ta' Novembru 1999.

Illi fir-risposta taghhom l-intimati rrispondew li l-ammont dovut m'huwiex kif allegat fir-rikors promotur billi l-imghax ma giex kalkolat skond il-ligi, kif ukoll billi gew debitati spejjez lill-intimat li ma jispettawx lilu.

Il-**P.L. Jonathan De Maria** spjega li l-imghaxijiet gew ikkalkulati bir-rata ta' 8% "*simple interest*". Il-prospett (a fol.12 tal-process) imkien ma jaghmel accenn ghal xi spejjez.

Illi permezz tan-nota tas-socjeta' rikorrenti gie dikjarat illi l-prospett huwa mahdum bl-imghaxijiet semplici *ai termini* **tal-Artikolu 1169 tal-Kodici Civili**. Gie spjegat illi s-socjeta' naqqset kull pagament li sar l-ewwel mill-imghaxijiet akkumulati sad-data tal-pagament, u imbaghad jekk il-pagament ecceda t-total tal-imghax akkumulati, dan

l-eccess gie mputat lill-kapital. Spjegaw li fit-8 ta' Jannar 1993 sar pagament sostanzjali ta' Lm18,000 li l-ewwel gie mputat ghall-imghaxijiet ta' Lm4,353.33 u mbaghad il-bilanc ta' Lm13,646.57 gie mputat lill-kapital b'tali mod li dakinhar is-sorte gie mnaqqas ghal Lm28,345.05 u l-imghaxijiet li kienu akkumulaw sa dakinhar thallsu kollha. Illi fil-perjodu ta' 8 snin bejn it-8 ta' Jannar 1993 u s-17 ta' Frar 2001, il-pagamenti li saru kienu ferm izghar u ma kienux frekwenti tant li l-effett taghhom kien li jnaqqsu l-bilanc ta' imghaxijiet li akkumulaw u l-bilanc tas-sorte ta' Lm28,345.05 li nholoq fit-8 ta' Jannar 1993 baqa' bla mittiefes. Kwindi s-socjeta' rikorrenti kkalkolat l-imghaxijiet dovuti fuq is-sorte mit-23 ta' Settembru 1991 sas-17 ta' Frar 2001. Sussegwentement, is-socjeta' rikorrenti prezentat nota ohra fejn iddikjarat li t-talba tal-Bank esponenti giet limitata ghall-awtorizzazzjoni ghat-tmexxija ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv imsemmi fir-rikors precitat.

Illi l-intimat **John Dalli** xehed li huwa mhux qed jaqbel mal-ammont ta' nteress li hemm indikat fid-dokument esebit a fol.12 tal-process. Huwa jsostni li l-interessi qed jigu kalkolati b'mod kompost. In kontro-ezami xehed li jaqbel mal-pagament li hemm indikati fid-dokument imsemmi u m'ghamilx pagamenti ohrajn. Huwa qal li m'ghamel l-ebda konteggi dwar l-ammonti li ghandu jaghti.

Illi din il-Qorti taqbel ma dak li xehed il-P.L. Jonathan De Maria dwar l-imghaxijiet *cioe'* li fil-kaz odjern l-imghaxijiet

gew kalkulati bir-rata ta' 8% bil-metodu msemmi bhala *"simple interest"*. Inoltre' rigward l-ilment tal-intimat li gew addebitati lilu spejjez li ma jispettawhx dan ma giex pruvat min-naha tieghu.

Illi din il-Qorti tirreferi fl-ewwel lok ghal dak li inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **"Joseph Perici Calascione vs Mario Fenech"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2000) u *cioe'* li:-

*"Li l-Qorti thoss li apparti l-fatt li l-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti din il-Qorti f'procedura bhal din, hija biss dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza u l-ezistenza ta' l-istess sentenza, u wkoll li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss ghall-ammont kononizzat li jkun ghadu ma thallasx, jidher car li la darba l-intimat qed jallega li huwa hallas l-ammonti kollha dovuta, l-oneru tal-prova ta' l-istess pagamenti hija kollha fuqu u dan in konformita` mal-principju li min jallega ghandu l-oneru tal-prova".*

Illi l-istess inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **"Carmelo Borg vs Rosaria Vella"** (P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2000):-

*"Illi dwar it-tieni kawza citata, fejn allegatament qed tigi attakkata l-validita' tal-ewwel kuntratt citat, din ukoll ma hijiex ostakolu ghal din il-procedura, limitatata fl-iskop taghha ghal dak indikat fl-**Artikolu 258 tal-Kap 12** u xejn izjed, hlief l-accertament li l-att partikolari li qed tintalab l-eskuzzjoni tieghu wara hames (5) snin ikun wiehed mit-titoli ezekuttivi indikati fl-**Artikolu 253 tal-Kap 12".***

Illi fil-fatt din hija l-posizzjoni korretta legalment u gudizzjarment *stante* li l-**artikolu 258 tal-Kap 12** jipprovdi li:-

*"Wara l-gheluq ta' hames snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 seta' jigi esegwit, l-ezekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrenti ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-ezekuzzjoni taghha, u d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".*

Illi minn dan jidher li l-unika ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh.

Illi fil-fatt tant huwa minnu dan li huwa biss *ai termini* tal-**Artikolu 259 (4)** f'kaz ta' proceduri *da parte* tal-eredi, successuri jew cessjonarji tal-kredituri, li l-ligi tehtieg li l-istess rikors jigi notifkat lid-debitur jew lill-eredi, cessjonarji jew successuri tieghu, u dan allura jikkonferma it-tezi li f'dan il-kaz, li ma jaqax taht l-**Artikolu 259 (4)** appena citat, l-unika ezami li trid taghmel l-istess Qorti hija biss li tara l-ezistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li r-rikorrenti

jikkonferma bil-gurmanent li d-debitu jew parti minnu ghadu dovut.

Illi f'dawn il-proceduri ma hemm l-ebda dubju li dan ir-rikorrenti rnexxielu jaghmlu, peress li hemm l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv skond **l-Artikolu 253 (b) tal-Kap 16** konsistenti fil-kuntratt pubbliku datat 26 ta' Novembru 1987 (Dok. "A") a fol. 3 tal-process pubblikat min-Nutar Carmelo Mangion fejn l-istess intimat irrikonoxxa ruhhu bhala veru cert u likidu debitur *verso* s-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm44,513.93,3 skond artikolu sitta (6) tal-istess kuntratt u l-imghax li kellu jiddekorri fuq l-istess ammont kien dak massimu permessibbli skond il-ligi, ikkalkolat skond *'recognised banking practice'* u b'effett mill-21 ta' Settembru 1987; hemm ukoll l-ezistenza tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 1992 li rrendiet ezekuttiv l-istess kuntratt pubbliku *ai termini* tal-**Artikolu 256 (2)** u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-awtorizzazzjoni rikjesta *ai termini* tal-**Artikolu 258 tal-Kap 12** ghandha tigi milqugha, anke ghaliex ma hemmx dubju li parti mill-istess kreditu jew somma kapitali ghada dovuta kif jidher mill-rikors gurament mill-P.L. Adrian Borg ghan-nom tal-istess rikorrenti prezentat fl-14 ta' Dicembru 1999. Illi ghalhekk jidher li l-elementi kollha abbazi tal-**Artikolu 258 tal-Kap 12, i**lkoll gew sodisfatti.

Illi pero' *dato ma non concesso* li wiehed irid jaghmel ezami ultrjuri ghal dak premess, u anke jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jezamina l-eccezzjonijiet tal-intimati

jirrizulta li l-istess intimati lanqas biss issodisfaw l-oneru ta' prova li jinkombi fuqhom li jippruvaw li tali ammont rikjest fir-rikors u fil-kunteggi esebiti mis-socjeta' rikorrenti ma humiex dovuti *stante* li fl-ewwel lok l-allegazzjoni taghhom li gew inkluzi spejjez fl-istess konteggi assolutament ma gietx ppruvata, u kwantu ghall-komputazzjoni ta' imghax jidher li dan sar bil-kalkolazzjoni ta' imghax semplici ta' 8% anke skond it-termini tal-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, u l-pagamenti li saru mill-intmati gew kollha adebiti skond il-ligi ghall-imghax u kapital skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 1169 tal-Kap 16.**

Illi hawn wiehed jinnota li ghalkemm il-Qorti stiednet kemm-il darba lill-intimati sabiex jindikaw lill-Qorti anke permezz ta' kunteggi kemm skond huma huwa l-ammont dovut minnhom, dawn ripetutament naqqsu li jaghmlu dan *nonostante* li din il-procedura ilha pendenti ghall-sentejn u nofs, u dan apparti li qatt ma indikaw fejn ma jaqblux mal-kunteggi tas-socjeta' rikorrenti; ukoll jinghad li l-istess intimati qatt ma talbu li tali konteggi esebiti mis-socjeta' rikorrenti rigwardanti l-komputazzjoni ta' imghax u kif gew adebiti l-pagamenti maghmula mill-intimati jigu ezaminati mill-espert komputista, u ghalhekk kull ma l-Qorti ghandha ghad-dispozizzjoni taghha huma biss il-kunteggi detaljati pprezentati mis-socjeta' rikorrenti.

Illi din il-Qorti wkoll ezaminat l-istess kunteggi esebiti mis-socjeta' attrici u ghalkemm sabhet li hemm xi divergenzi zghar fl-istess, jidher li dawn saru wkoll favur l-intimati,

*stante* li l-ammont indikat fi-rikors ghaz-zmien hemm kalkolat huwa inqas minn dak rejalment dovut kemm skond l-*istatement* skond il-prospetti esebiti a fol. 35 u 49 tal-process, u anke sad-data tal-prezentata tar-rikors fl-14 ta' Dicembru 1999. Illi mill-istess kunteggi jidher li l-ammont ta' imghax kalkolat huwa dak semplici ta' 8% skond il-ligi u kif pattwit bil-kuntratt pubbliku premess.

Illi ghalhekk jidher li t-talba tas-socjeta' rikorrenti a bazi ta' dak kontenut fl-**Artikolu 258** ghandha tigi milqugha ghaliex is-socjeta' rikorrenti ppruvat bla ebda dubju li tali kreditu ghadu jezisti, u in effetti l-intimati fl-ebda mument ma kkontestaw dan, ghalkemm ikkontestaw il-*quantum* tal-istess, li strettament m'huwiex il-mertu tal-procedura odjerna, izda anke f'dan il-kaz l-istess intimati ma gabu ebda prova jew raguni valida u sostanzjata ghaliex l-ammont indikat fl-istess rikors jew parti minnu ma huwiex dovut.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimati, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** fir-rikors tas-socjeta' rikorrenti datat 14 ta' Dicembru 1999 u b'hekk tirrendi l-kuntratt datat 26 ta' Novembru 1987 ezekuttiv u tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti sabiex tipprocedi ezekuttivament kontra l-intimati ghas-somma ta' erbgha u tletin elf, sitt mija u tletin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm34,630.82) li huma maqsumin

in kwantu tmienja w ghoxrin elf, mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm28,271.42) bhala bilanc kapitali, u in kwantu sitt elef tliet mija u disgha w hamsin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm6,359.40) bhala imghax semplici kkalkulat *a scaletta* mit-23 ta' Settembru 1991 sat-12 ta' Novembru 1999 u ghall-imghax ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena fuq is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, mitejn u wiehed u sebghin lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm28,271.42) mill-14 ta' Novembru 1999 sal-effettiv hlas.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**18 ta' April 2002.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**18 ta' April 2002.**